MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 90/1997/3

George u Marija konjugi Cassar u b'digriet tas-7 ta' Lulju 2000 Marija Cassar tnehhiet mir-rikors
vs
Direttur Dipartiment tal-Edukazzjoni u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu l-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni u Kultura u c-Chairman Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li gie kjamat fir-rikors b'digriet tas-7 ta' Lulju 2000

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fis-sena 1990 huma sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent George Cassar gie maqbuz meta ghamel l-interview ghal welder.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti.

Illi fit-23 ta’ Lulju 1979 huwa dahal jahdem mal-Gvern bhala labourer - Dok “A”.

Illi huwa qabel ma dahal mal-Gvern kien jahdem xoghol ta’ haddied bhala assistent fil-workshop ta’ missieru.

Illi jew ghall-ahhar tas-sena 1990 jew ghal bidu tas-sena 1991 hu resaq ghal interview ta’ Welder.

Illi r-rikorrent huwa bniedem verament tas-sengha fuq xoghol ta’ “welder” u xoghol iehor simili ta’ hadid tant li hadem hafna gates ghall-iskejjel u fanali tal-hadid u railings gewwa Marsalforn, u precizament ghal St. Mary’s Str. u anke ghal promenade tal-Qbajjar kif ukoll ghal staircases fl-iskejjel u hafna affarijiet ohra tal-hadid u ghalhekk kienet haga naturali li jistenna li jigi maghzul bhala “welder”.

Illi fil-fatt b’sorpriza tieghu permezz ta’ ittra mahruga mill-Ministeru tal-Edukazzjoni huwa nghata l-grad ta’ handyman (Group C) minflok “welder” (Group D).

Illi huwa jiftakar li fil-fatt meta hareg ir-rizultat kien sab li gie l-ewwel fost l-Ghawdxin fl-interview, rega’ qal li kien anke ghal “Welder”.

Illi hass li billi hu kien imdorri fis-sengha ta’ haddied ma giex moghti dak li kien haqqu mill-Bord u cioe` l-grad ta’ “welder”.

Illi peress li hemm differenza fis-salarju bejn Handyman u Welder hass li ma giex moghti dak li haqqu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust u ghal dan l-iskop ir-rikorrent talab li jigi mgholli ghall-

grad ta' Welder u li jigi moghti d-differenza fis-salarju bejn Handyman u Welder li tilef u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi. Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta l-intimati li eccepew:

Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi f'April ta' l-1990 l-istess George Cassar applika ghal u inghata post ta' handyman permezz ta' applikazzjoni ta' l-10 ta' April 1990.

Illi inoltre ghar-rigward tal-post ta' welder - welder/burner li ghalih kien hareg call for applications ftit qabel, il-post inghata lil Angelo Mangion li kklassifika l-ewwel bhala welder/burner.

Ghalhekk meta George Cassar sussegwentement, cioe` fi zmien ta' granet applika u nghata l-post ta' handyman jekk kien hemm xi lment precedenti ghal din l-applikazzjoni din waqghet.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi respinta.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepixxa:

1. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma rrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Goerge Cassar, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatra ta' Welder fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet li saret fit-22 ta' Marzu 1990. Il-Kummissjoni rrilevat dan ghall-fini ta' l-artikolu 5 (3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.
3. Illi minghajr pregudizzju nghad li fit-22 ta' Marzu 1990 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' postijiet fil-gruppi Industriali B, C u D fid-Dipartimenti li jaqghu taht il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni (Ref: ME1/90).

4. Illi mill-lista ta' l-applikanti li s-Segretarju tal-Ministeru baghat lill-Kummissjoni jidher I r-rikorrent, is-Sur George Cassar, kien applika ghall-postijiet ta' Welder/Burner (Grupp D) u Handyman (Grupp C).

5. Mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla rrizulta li dan il-Bord intervista erba' kandidati ghall-postijiet ta' Welder/Burner (Grupp D) u Welder (Grupp C). Il-Bord ikklassifika lis-Sur Angelo Mangion fl-ewwel post b'hamsa u hamsin (55) marka ghall-post ta' Welder/Burner u lis-Sur George Cassar fl-ewwel post bi tnejn u hamsin (52) marka ghall-post ta' Welder.

6. Il-vakanza ta' Welder/Burner imtliet mis-Sur Mangion waqt li dwar il-post ta' Welder id-Dipartiment f'Dicembru 1990, informa lill-Kummissjoni li "the single vacancy previously existing in the post of Welder has been filled hence no recommendation can be made at this stage."

7. Sussegwentement jigifieri f'Ottubru 1991, il-Kummissjoni giet infurmata li nholqu xi vakanzi ohra u l-Kummissjoni ntalbet taghmel rakkomandazzjoni ghall-hatra ta' bosta persuni ohra fi gradi differenti, fosthom is-Sur George Cassar, issa bhala Welder fi Grupp D.

Il-Prim Ministru approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-hatra tas-Sur Cassar bhala Welder fit-28 ta' Frar 1992.

8. Mir-rapport tal-Bord tal-Ghazla ghall-post ta’ Handyman jirrizulta li s-Sur Cassar gab wiehed u sittin marka u gie kklassifikat fir-raba’ post flimkien mas-Sur Francis Sicluna. Peress li kien hemm erba’ vakanzi, u billi dak li gie fit-tieni post ikkwalifika ghal Carpenter, is-Sur Cassar gie rakkomandat bhala Handyman. Din ir-rakkomandazzjoni kienet approvata mill-Prim Ministru fit-18 ta’ Marzu 1991.

Ra r-risposta ta’ l-intimati li eccepew:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma sar l-ebda ngustizzja mar-rikorrent, stante li nghata l-promotion gust meta kien Skala B u tela’ ghal Skala C.

2. Illi fir-rikors ir-rikorrent ippretenda li jaqbez skala minn Skala B ghal Skala D u b’hekk ma tikkostitwix ingustizzja mill-parti ta’ l-intimati izda pjuttost l-oppost.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehed <u>ir-rikorrent</u> li kkonferma l-kontenut tar-rikors u qal li fl-1979 dahal jahdem mal-Edukazzjoni bhala Labourer. Fl-1991 inghata l-grad ta’ handyman mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u fl-1997 inghata l-grad ta’ Operative III. Qal li kien applika ghall-grad ta’ welder u ghall-grad ta’ handyman, ghax l-applikazzjonijiet kienu hargu flimkien, u mar ghaz-zewg intervisti, fejn kienu qabbduh jaqra xi haga. Qal li kien anke jaghmel xoghol ta’ welder minbarra ta’ labourer u ghadu jaghmel dan ix-xoghol ta’ welder sal-lum ghalkemm baqa’ ma nghatax il-grad. Dwar Anglu Mangion li gie klassifikat l-ewwel jahseb li hu Malti ghax

ma jafux u li x-xoghol ta’ welding fid-dipartiment jaghmlu hu.

Xehed Dr Anton Refalo li qal fiz-zmien li hu kien Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, ir-rikorrent kien impjegat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Qal ukoll li dak iz-zmien inqala’ progett f’Marsalforn u peress li kien sar jaf li r-rikorrent kien tajjeb ghax-xoghol ta’ blacksmith, u hafna mix-xoghol sar minnu u minn lavrant iehor.

Xehed Grezzju Mercieca li qal li jiftakar li r-rikorrent kien applika ghax-xoghol ta’ blacksmith. Ikkonferma li s-sengha tar-rikorrent hi tajba hafna. Ikkonferma wkoll li ghamel xi xoghol f’Marsalforn, il-fanali tax-Xlendi u kancelli tal-iskejjel.

Xehed Toni Debrincat li qal li hu assistent tar-rikorrent u jghinu fix-xoghol tieghu. Qal li r-rikorrent kien ikkwalifika ghal welder meta dehru r-rizultati ghall-applikazzjoni ghal welder. Qal ukoll li r-rikorrent kien ghamel ukoll xi xoghol barrani bhal xoghol f’Marsalforn, ix-Xlendi u l-Qbajjar.

Xehed George Debono li qal ilu jahdem mar-rikorrent bhala lavrant tieghu ghal xi ghoxrin sena. Qal li jaf li r-rikorrent kien applika ghal handyman u welder, izda avolja kien ghadda baqa’ ma sarx.

Xehed Francis Mercieca li qal li r-rikorrent dam jahdem tahtu ghal erbatax-il sena u kien hadem kemm il-sengha. Qal li kien fetahlu workshop ta’ blacksmith u xtralu l-ghodda ghax rah jinqala. Qal li x-xoghol li kien jaghmel kien eccelenti.

Xehed Horace Mercieca li kien Education Officer u qal li jiftakar lir-rikorrent dejjem jaghmel xoghol ta’ haddied. Qal li xoghlu hu tajjeb hafna.

Xehed Lawrence Galea Education Officer mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni f’Ghawdex. Qal li mill-file personali tar-rikorrent, jirrizulta li r-rikorrent applika ghall-post ta’ handyman. Zied ighid li din l-applikazzjoni datata 10 ta’ April 1990. Hemm lista ta’ impjegati li gew nominati

mill-Public Service Commission fuq dawk l-interviews. F'dik il-lista hemm ukoll ir-rikorrent li jidher li kien ikkwalifika wkoll ghall-grad ta' handyman. Spjega li r-rikorrent dak iz-zmien kien grupp A u gie promoss ghal grupp C – handyman. Kompla jghid li mill-file ma jirrizultax li r-rikorrent kien applika ghal grupp - D (welder/burner). Qal li fil-file hemm ukoll ittra tal-Ministru tal-Edukazzjoni fejn gharraf lir-rikorrent li qed jinhatar handyman grupp C. Qal li minn file gdid jirrizulta li r-rikorrent kien applika wkoll ghall-post ta' welder grupp C u r-rikorrent kien gie l-ewwel ghal dan il-post. Zied ighid li ghalkemm ir-rikorrent kien ikkwalifika ma mtliet l-ebda vakanza la f'Ghawdex u lanqas f'Malta. Fl-ahharnett hu kkonferma li r-rikorrent kien jaghmel xoghol li kien oghla mill-grad tieghu.

Xehed Joseph Portelli Direttur ghall-Progetti u Zvillupp fil-Ministeru ghal Ghawdex li kkonferma li r-rikorrent ghamel xoghol ta' haddied mad-Dipartiment tieghu u dan peress li l-impjegati fil-garaxx tal-Gvern ma setghux jaghmluh kollu, ghalhekk kien ghen ir-rikorrent fix-xoghol.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent fil-fatt ghamel snin twal jaghmel xoghol ta' welder u cioe` superjuri ghall-grad tieghu f' xi hinijiet u f' xi granet. Irrizulta wkoll illi r-rikorrent kien applika ghal welder/burner in segwitu ta' cirkolari izda li effettivament huwa ma giex moghti l-promozzjoni ghaliha. It-Tribunal m'ghandux informazzjoni sufficjenti halli jkun jista' jasal li jghid illi saret ingustizzja mar-rikorrent meta fil-fatt dan ma nghatax il-promozzjoni. U dan minhabba l-fatt illi l-informazzjoni li ghandu hija biss relattiva ghar-rikorrent u m'ghandux informazzjoni ohra. Ghalhekk certament it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzjoni illi fil-fatt saret ingustizzja meta ma nghatatx il-promozzjoni.

Irrizulta wkoll b'mod car illi effettivament ir-rikorrent ghamel snin shah kultant jaghmel xoghol ta' livell superjuri ghal grad tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciza fl-20 ta' Gunju, 2000, dan it-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero' irid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Mela ghalhekk certament jirrizulta illi r-rikorrent kien haqqu kumpens.

Jifdal biss ghalhekk li wiehed jara jekk il-fatt illi r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghal grad tieghu ghandux jigi kkumpensat kif fil-fatt gie aktar 'il fuq ritenut li iva u ghalhekk it-Tribunal wara li jilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u tac-Chairman Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar il-promozzjoni, jichad l-eccezzjoni tad-Direttur Dipartiment tal-Edukazzjoni fuq xoghol superjuri ghal livell tieghu u peress li jsib l-ilment gustifikat dwar xoghol superjuri u peress li f'dan il-kaz it-Tribunal ma jistax jordna rimedju kumpensattiv, jordna kumpens favur ir-rikorrent fl-ammont ta' Lm600.

Spejjez tal-kawza kontra d-Direttur Dipartiment tal-Edukazzjoni.

--------------------------------TMIEM-------------------------------